KLR 52/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 19 t'April 2017 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA:- Il-membru Maria Portelli.

**52.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**52.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku spjega li l-kunsillier Buttiġieġ ressaq mozzjoni wara li ntbagħtet l-aġenda iżda xorta kien għadu fil-ħin. Għalhekk issuġġerixxa li din tersaq u tiġi trattata fl-item li jmiss. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

52.3 Mozzjoni

Mozzjoni nurmu 19 ġiet imressqa minn Michel Buttiġieġ.

**Mozzjoni numru 19**

**Wara artiklu li deher fil-ġurnal in-Nazzjon matul il-ġimgħa li għaddiet, d-deputat Marthese Portelli staqsiet jekk il-Gvern allokax il-Monti għal sit alternattiv sabiex jakkomoda lill-Każin tal-*labour* rigward l-imwejjed. Sa fejn naf jien din kienet deċiżjoni tal-Kunsill u bi qbil unanimu ġie deċiaż li tal-Monti ser jersqu lejn Pjazza Savina. Ironikament l-istess Portelli insiet li fi Pjazza Indipendenza jarmaw 7 ħwienet oħrajn.**

**Nitlob li l-Kunsill jikkjarifika l-mistoqsija mqajjma mid-deputat Portelli.**

Wara diskussjoni qasira mill-preżenti sar qbil unanimu li fil-minuti għandu jitniżżel eżatt x'ġara fir-rigward tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ħa matul dawn l-aħħar snin rigward l-ispostament tal-monti għall-Pjazza Savina. Dan kif ġej.

Is-Sinkdu qed jipproponi li l-Kunsill innota d-diskors tad-deputat Marthese Portelli li sar fis-seduta tal-Parlament nhar it-Tlieta 4 t'April 2017 fil-ħin tal-aġġornament fejn fost l-oħrjan issemma illi l-bejjiegħa tal-monti tar-Rabat Għawdex ġew rilokati fi Pjazza Savina mill-Gvern tal-ġurnata mingħajr konsultazzjoni. Fost l-oħrajn issemma wkoll li dan ħa jkun għad-detriment kemm ta' l-istess bejjiegħa u kemm tar-residenti u kien implikat ukoll illi anke' għad-detriment ta' l-organiżżaturi tal-festi ewlenin tal-Belt Victoria.

Il-Kunsill juri illi id-deċiżjoni li l-monti jiġi rilokat fi Pjazza Savina ġiet diskussa f'diversi drabi u tmur lura għall-2009. Il-bejjiegħa tal-monti kienu kollha jafu li se ssir ir-rilokazzjoni u mhux kif ġie allegat li saru jafu f'Awwissu tal-2014. Il-kunsill dejjem kien unanimu fid-deċiżjoni tiegħu.

Din kienet suġġett ta' diskussjoni fl-laqgħa Annwali Ġenerali tal-Kunsill u l-bejjiegħa tal-monti tkellmu diversi drabi kemm mas-Sinkdu u kemm ma' membri tal-Kunsill fuq is-suġġett. Il-Kunsill fir-rigward ta' Pjazza Savina ħaseb kif il-monti jista' jkun rilokat b'mod adegwat. Il-Kunsill jaqbel ukoll mal-Avviż Legali maħruġ fl-24 ta' Mejju 2016 mill-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar fejn qed jgaħti s-setgħa li l-monti tar-Rabat Għawdex jarma fi Pjazza Savina.

Il-Kunsill għadu jemmen lid-deċiżjoni li l-monti jiġi rilokat għal-Pjazza Savina hi waħda illi meta wieħed jevalwa kollox hi fl-aħjar interess ta' kull min hu konċernat.

Il-Kunsillier Buttiġieġ irrimarka wkoll illi l-Onor. Marthese Portelli insinwat illi d-deċiżjoni biex jiġi rilokat il-monti ittieħdet biex jiġi akkomodat iċ-Ċentru Laburista li jinsab fi Pjazza Inidpendenza. Il-kunsillier Buttiġieġ jinnota li dan mhux veru għax il-kunsill kien dejjem unanimu f'din id-deċiżjoni.

Il-Kunsill ser joħroġ stqarrija fir-rigward ta' dan kollu fiż-żmien oppportun.

**52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

52.4.1 il-President ta' Malta fejn irringrazjat lill-Kunsill tas-sehem fl-Istirna 2016;

52.4.2 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn l-ARMS Ltd. bgħatu notifika rigward il-kont pendenti fuq il-*metre* tad-dawl li kien jissupplixxi l-eletriku lill-*fairy lights* li saru mill-ħames Kunsill fi Pjazza Indipendenza. L-Avukat tal-Kunsill ser tirrispondi fiż-żmien stipulat;

52.4.3 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn d-Direttur EkoGħawdex bagħat notifika rigward il-ħlas ta' €22,298.42 li għandu jsir lura lill-EkoGħawdex. L-Avukat tal-Kunsill ser tirrispondi fiż-żmien stipulat;

52.4.4 l-Awtorita' tar-Riżorsi u l-Ambjent rigward *Master Plan* għall-Isptar Ġenerali t'Għawdex;

52.4.5 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli lokali fejn il-membri ġew infurmati li s-Sur Mario Fava ġie maħtur President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali;

52.4.6 l-MTA rigward ilment li tressaq minn residenta dwar l-istat tal-*bring-in site*. Il-Kunsill qed kontinwament jgħamel ir-rapport neċessarji sabiex dawn jitnaddfu ta' spiss;

52.4.7 John Saliba għan-nom ta' Tiġrija Palazz li talab li bieb li fih jinżammu l-affarijiet tat-tindif tal-latrina ta' Triq taħt Putrijal, jitressaq għas-spejjes tagħhom. Il-membri qablu li għandha tingħata raġuni għaliex hemm il-bżonn li l-bieb jitressaq minn fejn hu;

52.4.8 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-*Monitoring Unit* bagħtet rapporti rigward il-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex, il-*playing field* f'taċ-Ċawla H.E. u l-latirni tar-Rabat. Il-membri ġew mgħarrfa li l-ħaddiema tal-Kunsill qed jgħamlu t-tiswijiet u l-indafa neċessarja.

52.4.9 il-grupp folkloristiku Astra fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra li jinkludi lil dan il-grupp f'attivitjaiet organiżżati minnu;

52.4.10 il-President tal-Assoc. Pro Delta del Po fejn stieden lill-Kunsill sabiex jipparteċipa bi grupp żgħażagħ fil-prġoett 'Delta del Po - risserva di Bisfera uomo, natura e sviluppo visto dai giovani'. Dan bejn id-9 u t-13 ta' Ġunju 2017;

52.4.11 Revd. Dr Joseph Bezzina. Il-membri qalbu li jinxtraw tmin kotba 'The Gozo Cathedral' għall-prezz ta' €400;

52.4.12 Dwar il-*bins* tal-ħwejjeġ li hemm fil-parkeġġ il-kbir maġenb il-*bring-in site*, il-membri qablu li dawn għandhom jitressqu ezatt mal-*bins* l-oħra sabiex jitnaqqas il-lok fejn jintefa aktar skart. Jekk jibqa' jsir l-abbuż minħabba li qed jintefa ħafna skart ta' ħwejjeġ maġenb dawn il-*bins*, il-Kunsill ser jikkunsidra li jneħħi l-*bins* li fihom suppost titfa l-ħwejjeġ.

**52.5 Monti**

Il-membri ġew mgħarrfa li wħud mill-bejjiegħa tal-monti ressqu protest ġudizjarju kontra l-Kunsill, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ u kontra l-Kummissajru tal-Pulizija (numru 12/2017) datat 10 t'April 2017. Il-Kunsill ser iressaq ir-risposta tiegħu permezz tal-Avukat tal-Kunsill.

Il-Kunsill kiteb lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ fejn infurmah li waqt is-smigħ tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru fl-ismijiet 05/2017: Mary Cassar et. Kontra Dr Samuel Azzoaprdi noe et., ħareġ illi l-permess maħruġ mid-Dipartiment tal-Kummerċ għadu juri li l-bejjiegħa tal-monti jistgħu jarmaw fit-Tokk, Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill talab li l-permess maħruġ mid-Dipartiment tal-Kummerċ jirrifletti il-liġi. Filfatt fl-1 t'April 2017, id-Dipartiment tal-Kummerċ ħareġ notifika lill-bejjiegħa tal-monti fejn turi li l-permessi li nħareġ fil-bidu ġie mibdul għal-wieħed li jirrifletti l-liġi.

## 52.6 *Playing Field*

Billi l-*fencing* ta' ġew tal-*playing field* lest, il-membri qablu li jinbeda x-xogħol fuq il-bażi tal-*fencing* ta' barra. Il-*playing field* għandha tingħalaq kompletament sakemm ikun qed isir dan ix-xogħol u ma terġax tinfetaħ qabel tkun lesta totalment.

Intalbet stima lill-JGC Ltd. li kienu provdew l-*equipment*, sabiex jipprovdu l-prezz tat-tiswijiet fuq il-ħsara li saret minħabba vandaliżmu fuq xi wħud mill-*eqiupment*.

## 52.7 Jum il-Belt Victoria

Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena l-Kunsill jonora l-iskola Primarja tar-Rabat bl-Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria. Il-membri qablu unanimament.

Il-membri qablu li tinħareġ sejħa għall-stima sabiex jinkrew il-palk u t-tinda għall-kunċert tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali li ser isir fi Pjazza Indipendenza fl-10 ta' Ġinju 2017.

Il-Kunsill ser jgħin ukoll fl-organiżazzjoni ta' *Leone Goes Pop* u *RockAstra* bħas-snin l-imgħoddija.

## 52.8 Immaniġjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għall-

52.8.1 *1.5m keep clear* quddiem 'Santa Marija' fi Triq 8 ta'Diċembru;
52.8.2 *un/loading bay* quddiem 'Spiteri Catering' fi Triq Santa Martha;
52.8.3 *double yellow line* fi Pjazzetta fuq it-Tomba kantuniera ma Pjazza Santu Wistin;
52.8.4 *double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Marija Bambina' fi Triq Karolina Cauchi;
52.8.5 *double yellow line* u *keep clear* fil-parkeġġ tal-isptar qrib l-entratura tal-Konservatorju tal-Isqof.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall-

52.8.6 *keep clear* quddiem il-bieb ta' 62 Trqi San Ġwann Bosco;
52.8.7 *un/loading* quddiem 'Pitter Patter' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;
52.8.8 *un/loading* quddiem 'Silhouette' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
52.8.9 *un/loading* quddiem 'Almar Petshop' fi Triq Santa Martha.

52.8.10 Tressqet emejl mingħand is-sid tal-ħanut 'Pitter Patter' ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier li qed jitlob li jiġi kkunsitdrat kif tista' tissolva l-problema tal-parkeġġ li hemm f'din it-triq. Dan il-komunikat ser jiġi mgħoddi lil TM.

## 52.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Mejju 2017 skont dokument 1 anness.

**52.10 *Items* oħra**

Il-membri qalbu li:-

52.10.1 jintalab lir-Rettur taċ-Ċentru Rgħaj it-Tajjeb sabiex il-kors tal-induratua li qed jiġi propost biex isir mal-*Lifelong Learning*, isir f'dan iċ-ċentru;

52.10.2 jsir il-*patching* neċessarju fit-telgħa tal-għolja ta' Gelmus;

52.10.3 jintalab il-parir tal-Perit minħabba l-fatt li Triq Mons. Luiġi Vella tkun tiżloq għall-vetturi meta tagħmel ix-xita;

52.10.4 jitpoġġa l-madum ta' l-isqaq numru 1 fi Triq San Ġorġ. Dan għall-prezz ta' €945. Il-madum li ser jintuża biex jinkesa dan l-isqaq hu dak li kien inqala' minn Pjazza San Ġorġ;

52.10.5 jintalab il-parir tal-Eng. Galea Curmi sabiex id-dawl dekorattiv li hawn fi Pjazza Indipendenza, li sar mill-proġett tal-ERDF jiġi estiż sa Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu wkoll li d-dwal li hemm fl-art f'nofs Pjazza San Ġorġ m'għandhomx jibqgħu jinbidlu meta jgħamlu l-ħsara.

52.10.6 Il-Kunsill qed jirċievi *statements* mingħand Gatt Tarmac Ltd. rigward xogħolijiet *extra* li saru in konnessjoni mal-proġett tal-ERDF. Il-membri qablu li l-Kunsill jirreferi dawn lill-Perit sabiex jispjega x'inhuma.

52.10.7 Fuq parir tal-Perit il-membri qablu li jsiru modifiki fil-pjanta ta' Pjazza San Ġorġ li turi l-post fejn għandhom jitpoġġew l-imwejjed tal-ħwienet u li hi apporvatha mill-MEPA. Dawn il-modifiki għandhom isiru b'mod li l-*area* tiġi mkabbra lateralment biex kemm jista' jkun l-istabbilimenti jkollhom *area* għall-imwejjed u s-siġġijiet quddiemhom u mhux quddiem ħaddieħor. Dan minħabba li kif saret il-pjanta oriġinali ma setax ikun hemm *area* quddiem il-binjiet kollha minħabba raġunijiet t'aċċess ta' vetturi għal ġol-pjazza dejjem kif kien mifhum li l-istabbilimenti japplikaw għalihom fuq *first come first serve* kif filfatt qed jiġri.

**52.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2017 fis-18.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv